**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 337/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Jonathan Tabone**

Il Qorti:

Rat illi tressaq Jonathan Tabone ta' 37 sena, mwieled Pieta, nhar l-14 ta' Frar 1981, iben Saviour u Agnes nee Agius, resident 28, Triq Sant' Anna, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 116381(M)

**Akkuzat** talli ghall-habta ta l-10:20 ta bil-lejl tal-24 ta Frar 2018 gewwa l-istabiliment Tex Mex, Triq ix-Xatt, Sliema:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Jurgen Cilia skond kif iccertifikat Dr Christianne Coppini numru ta registrazzjoni 0436 ta l-isptar

Mater Dei;

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2018 wara li sar l-ezami ta' l-imputat a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-5 ta' Marzu 2021 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

a. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2), 218(1)(a)(b)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 7, 8, 16, 17, 19, 22 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Mejju 2021, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta'

[1] Folio 15 ta' l-atti processwali
[2] Folio 289 ta' l-atti processwali

din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat li fl-istess udjenza tal-11 ta' Mejju 2021 il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi b'mod definittivament.

Rat illi d-difiza talbet li jigi mhejji *social inquiry report* li gie ezebit fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2022.[4]

Rat illi d-difiza talbet li jigi mhejji *presentencing report* li gie ezebit fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2022.[5]

Rat li fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2022 mill-imputat iddikjara li kien hati tar-reati addebitati lilu u irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkunsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.[6]

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat

---

[3] Folio 291 ta' l-atti processwali
[4] Dok NC1, Folios 312-336 ta' l-atti processwali
[55] Dok NC2, Folio 343 et seq ta' l-atti processwali
[6] Folio 332 ta' l-atti processwali

effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2022.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rapportat lill-pulizija li l-imputat kien ghamel ferita ta' natura gravissima fuq il-persuna ta Jurgen Cilia.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2022 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitat lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi.

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li sussegwentment giet ukoll esebita bhala parti mil-*pre sentencing report.*[7] Illi filwaqt li l-fedina penali mhix netta, l-ahhar sentenza registrata tmur lura ghas-sena 2010.

[7] Folio 3-5 ta' l-atti processwali

- L-imputat irregistra ammisssjoni, erba snin wara li sar l-incident u wara li kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza kienu ghalqu l-provi taghhom u anke gie mhejji *social inquiry report*.

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[8], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[9], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[10] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[11]

  Ghaldaqstant, f'dan il-kaz jista jinghad li l-ammissjoni ma saritx fl-iktar stadju bikri ghaliex kienu diga lahhqu xehdu x-xhieda kollha u saru diversi seduti li jirrikjedu hin u spejjez. Madankollu din l-amissjoni saret qabel l-ghoti tas-sentenzi u qabel din il-Qorti ghamlet l-evalwazzjoni taghha u ghalhekk din il-Qorti sejra tqis l-istadju ta' fejn saret l-ammissjoni fil-kunsiderazzjoni taghha.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet.

- Fis-*social inquiry report* li gie mhejji inghata rakkomandazzjoni li l-Qorti tikkunsidra timponi sentenza sospiza flimkien ma Ordni ta' Supervizjoni fil-konfront ta' l-imputat skont l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex isservi bhala deterrent ghalih sabiex jikkontempla l-agir tieghu qabel jagixxi. Illi din ir-rakkomandazzjoni regghet inghatat meta sussegwentement sar il-*pre sentencing report.*

---

[8] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[9] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[10] Thomson Reuteurs, S-29
[11] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Fis-sottomissjonijiet finali taghha, il-prosekuzzjoni tenniet li l-Qorti ghandha tikkunsidra piena alternattiva ghal dik karcerarja u qabel mas-suggerimenti li nghataw kemm fil-*social inquiry report* kif ukoll fil-*pre sentencing report.*

- Id-difiza abbracjat ruhha kompletament mas-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni kif ukoll isottomettiet li l-imputat lest li joqghod ukoll ghal Ordni ta' Trattament jekk ikun hemm bzonn sabiex jindirizza l-imgieba tieghu.

- Illi dan ir-reat sar fl-24 ta' Frar 2018 u dan qabel ma kienu ddahhlu l-emmendi tal-ligi l-godda li jirregolaw l-artikoli 218 tal-Kodici Kriminali.[12] Illi bl-introduzzjoni ta' l-Att Numru XIII tal-2018 il-ligi giet emendata fis-sens li l-piena ghal dan ir-reat giet mizjuda ghal piena ta' prigunerija ghal perjodu minn hames snin sa ghaxar snin. Fiz-zmien mertu tar-reat, u cioe qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-ammendi l-piena kienet ta' disa' xhur sa disa snin. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinghata l-piena applikabli fil-perjodu meta sehh ir-reat u mhux kif emendata illum.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix bl-ebda mod marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni l-Qorti tara li din il-piena hija legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi ghal dawk ir-reat li jikkoncernaw il-Kodici Kriminali.

- Illi jirrizulta li fiz-zmien tar-reat l-imputat kellu vizzju tad-droga li kien gabu jirrikorri ghall-kriminalita. Illi filwaqt dan mhuiex skuzanti ghall-agir tieghu, huwa kunsiderazzjoni ghal Qorti sabiex tikkunsidra kwalunkwe Ordnijiet ohra li din il-Qorti tista taghti flimkien mal-piena.

[12] Att Numru XIII tal-2018

- Mill-*pre sentencing report* jirrizulta li l-imputat qatt ma wera rimors lejn il-vittma u fl-istess rapport hemm imnizzel

  *"Mistoqsi kif ihossu fuq il-vittmi, huwa jesprimi li ma jhoss l-ebda tip ta' emozzjoni partikolari. Madankollu, fi kliemu, jirreferi ghal Jurgen bhala bniedem 'kiesah' li minkejja li huma 'kienu qeghdin jiehdu gost, spicca sabiex irrovinalhom kollox."*

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-cirkostanzi, li piena karercarja mhix ser thalli l-frott mistenni, anzi bil-kuntrarju u ghalhekk il-Qorti sejra tikonsidra piena alternattiva ghall-habs.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii),(b)(d)(2), 218(1)(a)(b)(2), 7, 8, 16, 17, 19, 22, 532A, 532B, 533, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ta' Jonathan Tabone issibu **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u

tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) habs li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tlett snin (3) mil-lum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jindirizza l-imgieba tieghu, il-Qorti wara li rat l-Artikolu **412D** tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' sentejn millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq inghad, torbot lill-hati ghal perjodu ta' sena (1) mill-lum taht penali ta' elf euro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Jurgen Cilia ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Jonathan Tabone ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' tmien mija u erba ewro u sebghin centezmi (**€ 804.70**) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' €247.80.[13]
2. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco fl-ammont ta' €556.90[14]

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar 15 ta' Novembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**

[13] Folio 254 ta' l-atti processwali
[14] Folio 172 ta' l-atti processwali